**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum, 7 ta' Frar, 2020**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs**

**Terrence Tanti**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Terrence Tanti detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 347992M, akkuzat talli fl-1 ta' Jannar, 2015 ghal habta tal-erbgha neqsin kwart ta' filghodu (3:45hra) gewwa Triq ir-Rabat, Nadur Ghawdex u kif ukoll fil-vicinanzi;

1. B' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b' nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, waqt li

kien qieghed issuq vettura tal-ghamla Peugeot bin-numru tar-registrazzjoni HAC256 ikkaguna l-mewt ta' Matthew Joseph Meilak (ID No. 422992M).

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi b' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b' nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, waqt li kien qieghed isuq vettura tal-ghamla Peugeot bin-numru ta' registrazzjoni HAC256 ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Miguel-Ramon Camilleri (ID No. 370692M).
3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi saq jew ipprova jsuq jew kellu Kontroll ta' vettura bil-mutur u cioe' vettura tal-ghamla Peugeot bin-numru tar-registrazzjoni HAC256 li kienet fi triq jew f' post pubbliku iehor meta ma kienx f' kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew droga.
4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi saq, prova jsuq jew kien fil-kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura ohra fit-triq jew f' post pubbliku iehor wara li kien ikkonsma tant alcohol li l-proporzjon tieghu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien izjed mill-limitu preskritt.
5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi saq vettura tal-ghamla Peugeot bin-numru tar-registrazzjoni HAC256, b' nuqqas ta' kont, bi traskuragni u/jew b' mod perikoluz.
6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi b' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b' nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, waqt li kien qieghed isuq vettura tal-ghamla Peugeot bin-numru tar-registrazzjoni HAC256 ikkaguna hsarat fuq proprjeta' ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f' kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tiskwalifika l-licenzja tas-sewqan tal-imputat ghal perjodu li jidrilha li huwa xieraq.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f' kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f' kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna wkoll lill-imputat ihallas id-drittijiet, jew parti minnhom, li jkollhom jithallsu lill-persuna jew lill-persuni li jkunu ghamlu l-analizi skond id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 15E tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-Avukat Generali tat-8 ta' Jannar, 2016 (inserita a fol. 542 tal-atti processwali) fejn huwa dehrlu li tista' tinstab htija fil-konfronti tal-imputat taht dak li hemm mahsub:

- Fl-Artikoli 17, 31, 533 tal-Kap. IX tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 15E(5) tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 225(1), 225(2) tal-Kap. IX tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 226(1), 225(2) tal-Kap. IX tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 15A(1), 15A(2), 15H(1)(a), 15H(2), 32 tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 15B(1), 15H(1)(a), 15H(2), 32 tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 15(1)(a), 15(2) u 32 tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 328(a), 328(b), 328(c), 328(d) tal-Kap. IX tal-Ligijiet ta' Malta;

- Fl-Artikolu 127(1) ta' Legislazzjoni Sussidjarja 65.11, taht Kap 65 tal-Ligijiet Malta

Rat li waqt l-udjenza tas-16 ta' Gunju, 2017 l-imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz jirrigwardaw incident stradali li sehh fl-1 ta' Jannar, 2015 ghall-habta tat-3:45am fi Triq ir-Rabat in-Nadur Ghawdex fejn vettura bin-numru tar-registrazzjoni HAC 256 tal-ghamla Peugeot misjuqa mill-imputat odjern Terrence Tanti ghal xi raguni tilfet il-kontroll u baqghet diehla f' hajt u f' arblu tad-dawl fuq in-naha tax-xellug tat-triq u bid-daqqa spiccat rebounded u fuq il-karreggata tax-xellug. Wiehed mill-passiggiera Matthew Meilak tragikament tilef hajtu u passiggier iehor Miguel Camilleri sofra griehi ta' natura gravi. Fil-vettura in dizamina kien hemm Alexander Scerri Herrera li kien passiggier fis-seat ta' quddiem filwaqt li Edward James Cole, Miguel Camilleri u Matthew Meilak kienu passiggiera fuq wara. Dan tal-ahhar gie certifikat mejjet fuq il-post filwaqt li l-passiggiera l-ohra, inkluz is-sewwieq, ilkoll ittiehdu l-Isptar t' Ghawdex ghall-kura. Il-vettura kienet qed tinstaq mid-direzzjoni tan-Nadur sejra lejn ir-Rabat.

Illi dwar dan l-incident saret Inkjesta Magisterjali (inserita a fol 100 et seq tal-atti processwali) fejn gew mahtura diversi esperti li n-nomina taghhom giet debitament konfermata minn din il-Qorti permezz ta' digriet tas-6 ta' Frar 2015. Il-Magistrat Inkwirenti nnominat lil Dr Michael Refalo bhala espert patologista sabiex jiehu kampjuni tad-demm tal-imputat stante li kien hemm suspett li huwa seta' kien qed isuq taht l-influwenza tal-alcohol. Dawn il-kampjuni tad-demm gew mghoddija lil Maria Bonello u Joanne Sultana, li wkoll gew mahtura bhala esperti, sabiex jigu ezaminati. Il-kampjuni tad-demm ittiehdu fl-1 ta' Jannar, 2015 wara li l-Magistrat Inkwirenti spjegat lill-imputat l-import ta' dak li kien ser isir u d-drittijiet tieghu u huwa ta l-kunsens ghat-tehid tad-demm. Fl-14 ta' Jannar 2015 il-Magistrat Inkwirenti giet infurmata permezz ta' rikors maghmul mill-Kummissarju tal-Pulizija li l-ezamijiet li saru fuq il-kampjun tad-demm mill-espert Maria Bonello u Joanne Sultana kienu jikkoncernaw biss il-livelli ta' alcohol u mhux ta' sustanzi ohra u ghalhekk intalbet il-hatra tal-esperti Dr Mario Scerri (espert forensiku) u Dr Michael Scottham (espert tossikologu) sabiex jaghmlu ezamijiet ulterjuri fuq l-istess kampjuni tad-demm. B'rikors ulterjuri dejjem tal-14 ta' Jannar 2015 il-Magistrat Inkwirenti giet infurmata li fil-kors tal-awtopsja ta' Matthew Meilak gew elevati numru ta' pilloli ta' kulur abjad mill-hwejjeg tieghu u l-istess Magistrat Inkwirenti ghalhekk innominat lill-ispizjar Godwin Sammut sabiex jezamina dawn il-pilloli.

Illi l-vettura misjuqa mill-imputat kellha hsarat estensivi li kienu jikkonsistu daqqa fuq quddiem, daqqa fuq in-naha ta' wara ezattament fuq il-bieba tal-passiggier tan-naha ta' wara tax-xufier u kien hemm ukoll ir-rota ta' wara ta' dik in-naha maqlugha u bicciet tal-karozza mat-triq kollha. Mal-arblu tad-dawl li mieghu sehh l-impatt kien hemm partijiet mill-gisem tal-vittma Matthew Meilak.

Illi l-imputat gie rilaxxjat mill-Isptar t' Ghawdex fid-9:00am fejn inghata kura ghax-shock kbir li kellu u huwa ttiehed l-Ghassa izda ma giex interrogat mal-ewwel minhabba l-istat ta' shock li kien ghadu fih u minhabba li l-Ufficjal Investigattiv, l-Ispettur Frank Tabone, seta' jxomm riha ta' alcohol. Fil-11:20am ittihidlu breathalyser test li mmarka 13 (vide xhieda tal-Ispettur Tabone a fol 82 et seq u ricevuta tat-test Dok FT 1 a fol 89). Fis-1:50pm rega' sarlu test iehor li mmarka li huwa ma kellux aktar tracci tal-alcohol (Dok FT 2 a fol 89) u huwa mbaghad gie nterrogat (stqarrija a fol 90 et seq) u dan wara li kkonsulta ma' prokuratur legali ta' fiducja tieghu. Fit-2 ta' Jannar, 2015 huwa rrilaxxja stqarrija ohra (Dok FT 4 a fol 95 u 96 tal-atti processwali).

Illi fl-ewwel stqarrija minnu rilaxxjata l-imputat spjega li kien mar Ghawdex mal-habib tieghu Alex Scerri Herrera fil-lejl bejn it-30 u 31 ta' Dicembru 2014 u huma raqdu fl-appartament ta' dan tal-ahhar f' San Lawrenz. Huwa spjega li matul il-gurnata tal-31 ta' Dicembru 2014 inghaqdu maghhom xi hbieb ohra u li huma kellhom ilkoll imorru party privat li kien ser isir f' farmhouse in-Nadur. Huwa jghid li hadu xi xorb maghhom ghal dan il-party u li marru ghall-habta tal-11:00pm u telqu mill-party ghall-habta tat-3:30am. L-imputat qal li qabel ma marru l-party kien xorob drink wiehed (vodka – Red Bull) u li waqt il-party kien xorob sitt vodka bir-Red Bull u erba' Jägermeister bil-Coca Cola. Huwa qal li kien jikkalkula li f' kull drink kien hemm madwar 3cl ta' alcohol. L-imputat sostna li meta telqu mill-party kien fi stat tajjeb li jsuq u li ghalkemm ma kienx '100% sober' huwa ma kienx vicin li jkun fis-sakra bizzejjed sabiex ikun ta' periklu.

Illi l-imputat jghid li fil-vettura huma u sejrin lura lejn l-appartament f' San Lawrenz kien hemm Alex Scerri Herrera passiggier fuq quddiem, il-vittma Matthew Meilak bilqeghda warajh (wara l-imputat), Miguel Camilleri kien

wara l-passiggier u Edward Cole kien fin-nofs. Huwa qal ukoll li l-passiggier ta' quddiem u hu kienu liebsin seatbelt izda ma jafx jekk it-tlieta ta' wara ukoll kinux liebsin is-seatbelt. L-imputat qal li jikkalkula li kien qed isuq b' velocita' ta' madwar 50 kilometru fis-siegha u jghid li ghalkemm ma kinitx xita t-triq kienet imxarrba u l-art kienet tleqq.

Illi l-imputat spjega li kif kien qed idur il-kantuniera fejn saret il-habta ghal xi raguni r-roti ta' quddiem tilfu l-grip, huwa prova jikkontrolla l-vettura pero' spicca habat mal-hajt. Dejjem skond l-imputat il-vettura l-ewwel hadet daqqa fuq in-naha ta' wara tal-lemin u mbaghad daqqa ohra fuq quddiem mal-lemin u bid-daqqa l-karozza daret dawra u spiccat thares 'l isfel.

Illi fit-tieni stqarrija minnu rilaxxjata l-imputat rega' ikkonferma dak kollu li qal fl-ewwel stqarrija u qal ukoll li ma kienx xorob drinks ohra oltre s-sitt vodka u l-erba' Jägermeister li semma fl-ewwel stqarrija. Huwa qal ukoll li kien xorob l-ahhar drink madwar nofs siegha jew tliet kwarti qabel ma telqu mill-party. Tanti spjega li malli qabad il-kisra li hemm fit-triq fejn sar l-incident huwa kien ghaddej sewwa izda kif kien qed isuq f' daqqa wahda hfief l-isteering wheel u ghalhekk huwa wasal ghall-konkluzzjoni li kienu tilfu l-grip ir-roti ta' quddiem u l-vettura ma baqghetx issegwi d-dawra u minnufih bdiet sejra ghad-dritt. L-imputat jghid li dak il-hin huwa prova jikkoregi l-vettura billi jaghfas u jitlaq il-brejk u billi jdawwar l-isteering sabiex jaghmel hiltu biex ma jahbatx. Huwa kkonferma wkoll li kien qed isuq b' velocita' ta' madwar 50kmph u li safejn jaf hu it-tyres kienu f' kundizzjoni tajba u ma setghax jispjega ghalfejn il-vettura tilfet il-via. Tanti spjega inoltre li malli l-vettura tilfet il-via huwa ra arblu gej fuqu u sekonda wara sab ruhu fit-tragedja. Huwa sostna li beda jaghfas u jerhi l-brejk sabiex kemm jista' jkun ir-roti ma jillokjawx peress li l-vettura ma kelliex ABS u sabiex jevita li l-istess vettura tkompli tiskidja.

Ikkunsidrat:

Illi fir-rapport tieghu l-espert tat-traffiku Mario Buttigieg ghamel is-segwenti konstatazzjonijiet u konkluzjonijiet:

4.4 Illi Triq ir-Rabat, Nadur hija triq primarja li tinsab fil-periferija tan-Nadur. Illi l-allegat incident sehh madwar it-tlieta neqsin kwart (03:45 hours) ta' filghodu, tal-ewwel (01) ta' Jannar tas-sena elfejn u hmistax (2015);

4.5 Illi mhux maghruf jekk dak in-nhar tal-incident it-triq kinitx xotta jew le u dan peress li seta' li kien hemm ilma li kien qed inixxi mill-ghelieqi. Qabel ma sehh l-incident f' Malta t-temp kien car u l-visibilita kienet tajba ghalkemm kienet il-kesha.

4.6 Illi l-allegat incident sehh meta l-vettura tal-ghamla Peugeot mudell 106, bin-numru tar-registrazzjoni HAC 256 u li kienet qed tigi misjuqa minn Terrence Tanti mid-direzzjoni tan-Nadur. Illi Tanti mieghu kellu hames passiggieri riekba mieghu u cioe' tlieta kienu rikbin fuq wara waqt li Scerri Herrera kien riekeb fuq quddiem. Huma kienu ghadhom kemm telqu minn party gewwa n-Nadur u kienu sejrin lura lejn San Lawrenz u cjoe' fejn Scerri Herrera ghandu l-appartament tal-familja. Illi kollha kienu ser iqatghu l-lejl gewwa t-tali appartament tal-familja. Ili waqt li kienu fi triqthom lejn San Lawrenz, Tanti kien ghaddej fi Triq ir-Rabat meta hu allegatament tilef il-kontroll tal-vettura tieghu. Illi l-vettura kienet allegatament qed tigi misjuqa fit-triq b' mod regolari meta ghal xi raguni kif daret mal-liewa tilef il-kontroll u l-vettura spiccat marret fuq il-karregata l-ohra bil-konsegwenza li baqghet diehla go hajt u sussegwentement go arblu tad-dawl. Bid-daqqa mal-arblu l-vettura regghet habtet fil-hajt bil-konsegwenza li marret u spiccat b' mofs il-karregjata tan-naha tax-xellug. Illi gie kkalkulat illi mill-ewwel impatt sakemm strahhet l-vettura mxiet madwar wiehed u in (41) metru. Intant il-vettura garrbet diversi hsarat mal-gemb tan-naha tal-lemin taghha;

4.9 Illi fl-erbgha (04) ta' Jannar tas-sena elfejn u hmistax (2015), l-esponent mar gewwa l-garaxx tal-pulizija fejn ezamina l-vettura fejn irrizulta li din il-vettura kienet f' kundizzjoni moderata. L-esponent ma jistax jistabilixxi jekk il-vettura kelliex xi difett qabel il-habta u dan li l-hydraulic oil tal-brejkijiet hareg kollu minn gol-bott. Intant l-esponent osserva illi l-vettura sofriet hsarat ta' natura direct damage fuq wara tal-gemb tan-naha tal-lemin. Illi dawn il-hsarat kkonstatati huma mportanti sabiex tigi maghmula rikostruzzjoni tal-incident li qieghda umilment tigi sottomessa aktar il-quddiem f' dan ir-rapport;

Illi fl-ewwel (1) u fl-erbgha (04) ta' Jannar tas-sena elfejn u hmistax (2015), l-esponent ghamel access fuq il-post, fejn allegatament kien sehh l-incident. L-access sar go Triq ir-Rabat, Nadur. Din it-triq tinsab fil-periferija tan-Nadur u cioe' twassal il-vetturi minn Nadur jew ghall-istess rahal jew ghal diversi rhula ohra tal-vicinanzi. Din il-parti ta' triq hija wiesa tlettax punt tnejn (13.2) metri. Ghaldaqstant din it-triq hija ta' dimensjonijiet wiesa. Gie osservat li f' din it-triq jghaddu diversi vetturi minnha, kemm vetturi zghar u anki kbar. Din it-triq tinsab qalb l-ghelieqi privati li hemm f' dawk l-akkwati. Intant sabiex jghaddi t-traffiku b' mod normali minghajr ebda ostaklu ma jistax isir ipparkjar fuq l-ebda naha ta' triq, ghalkemm ma hemm l-ebda ristrezzjoni legali.

Illi l-aktar li tintuza din it-triq hija minn sewwieqa li jinzlu lejn ir-Rabat specjalment fil-Hdud u festi u sewwieqa li ghandhom l-ghelieqi fil-vicinanzi li minn joqghod qrib dawn l-akkwati. Fil-vicinanzi ma hemm l-ebda residenza privata.

Illi fl-akkwati u cioe' fuq in-naha z-zewg nahat ma hemm l-ebda bini residenzjali. Illi gie osservat li din it-triq ma tantx tintuza hafna minn nies li jkun qed jimxu f' dawk l-akkwati, insibu li ma hemm l-ebda bankina. Ghaldaqstant minn irid jimxi pedestrians iridu jimxu fit-triq.

Illi ftit il-fuq minn fejn sehh l-incident hemm liewa. Illi din il-liewa hija pjuttost iebsa, ghaldaqstant sewwieqa jridu jnaqqsu l-velocita' li jkun ghaddejin, ghaldaqstant il-vizibilita ghas-sewwieqa hi ristretta minn kull aspett.

Illi fuq il-post tal-access gie kkonstatat li t-triq hija inklinata 'l isfel. Fil-post fejn sehh l-incident insibu li l-wicc huwa tajjeb.

Illi fejn allehatament sejj l-incident ma hemm l-ebda bini. Sezzjoni mija seba' u ghoxrin (127) tal-Motor Vehicle Regulation jghid li l-velocita' ta' vettura misjuqa go nhawi bhal dawn m' ghandiex teccedi l-velocita ta' tmenin (80km/h) kilometru fis-siegha, izda kif inghad ftit iktar il-fuq peress li hemm liewa sewwieqa jridu jnaqqsu l-velocita' taghhom sabiex ma jitilfux il-kontroll tal-vettura jew mutur taghhom.

Investigazzjoni u rikostruzzjoni tal-incident

Illi wara li l-esponent ezamina bir-reqqa l-evidenza li thalliet fuq il-post, u wara li l-esponent ezamina l-hsarat tal-vettura li gie kkonstatat fuq il-post dakinhar tal-allegat incident u anki l-ghada meta l-esponent mar gewwa l-garaxx tal-pulizija, l-esponent seta' jasal sabiex jaghmel rikonstruzzjoni ta' kif sehh l-incident illi qeghda tigi umilment sottomessa.

Illi gie kkonstatat li l-vettura nvoluta garrbet hsarat ta' natura contact hekk kif imsemmi fil-paragraafu 6.1 et seq (pagna16). Illi l-principal directional force (pdf) juri b' mod car li l-habta kienet wahda msejha bhala side impact collision.

Illi gie stabbilit li l-habta sehhet fuq in-naha tal-lemin tat-triq u cioe' meta wiehed ihares lejn ir-Rabat. Illi dan seta' jigi kkonstatat kemm mill-ispot of impact li halliet il-vettura meta habtet kemm mal-hajt u anki mal-arblu. Gie kkontstat ukoll grif fuq il-wicc tat-triq fejn dan il-grif sar meta r-rota ta' wara tqactet u x-shaft tal-istess rota beda jimmarka l-wicc it-triq. Fuq ix-xena tal-akkadut incident l-esponent osserva li mal-arblu kien hemm body tissues li kien imwahhla mal-istess arblu tad-dawl. Qabel ma sehh l-incident u cioe' minn fejn kien gej Tanti ma gie osservat l-ebda sinjali ta' marki tat-tajers fuq il-wicc tat-triq. Ta' min jinnota u kif qed juri fir-ritratt numerati bhala Dok MB 04 sa MB 06 meta l-esponent wasal fuq il-lok tal-akkadut incident kien hemm volum shih ta' ilma li kien qed inixxi minn din it-triq.

Illi kif diga' spjegat fuq l-esponent mar gewwa l-garaxx tal-pulizija fejn hemm hu ezamina l-vettura. Gie kkonstat li l-vettura tal-ghamla Peugeot mudell 106 kienet ingranata fuq il-fourth gear. Minn aktar stharrig li sar fuq il-post irrizulta li t-tieqa tan-naha tal-lemin kienet miksura. Intant meta l-esponent qala' l-packing tal-istess naha osserva li l-winder tat-tieqa kienet imtella sa fuq nett. L-esponent ezamina wkoll it-tajers fejn irrizulta li dan ma kellhomx thread kif tirrikjedi l-ligi. Gie osservat li l-kundizzjoni ta' tajers ta' quddiem kienu aghar minn dawk ta' wara. Minn aktar indagini li ghamel l-esponent irrizulta li s-seat belts kienu stirati u dan jindika li l-istess seat belts ta' wara ma kinux milbus kif tirrikjedi l-ligi.

Illi meta l-esponent kellu din l-informazzjoni kollha f' idu l-esponent seta' jaghmel rikostruzzjoni ta' dan l-incident kif sehh.

a. Illi Terrence Tanti kien qed isuq il-vettura tieghu ta' ghamla Peugeot mudell 106 bin-numru tar-registrazzjoni HAC 256. Illi hu kien ghaddej mid-direzzjoni tan-Nadur u kien sejjer lura lejn San Lawrenz sabiex imorru lejn l-appartament tal-familja ta' Scerri Herrera. Illi skond kif xehdu l-passiggieri fix-xhieda taghhom huma kienu ghadhom kemm telqu minn private party li kien sehh go farmhouse. Illi kif kien sar ammont ta' hin iddecidew li jitilqu u erba' passigieri rikbu ma' Tanti.
b. Illi mix-xhieda hareg manifestament car li Scerri Herrera kien riekeb fuq quddiem, waqt li l-vittma li tilef hajtu u cioe' Matthew Mejlak kien riekeb wara l-passiggier ta' quddiem u cioe' fuq in-naha tax-xellug tal-vettura. Fin-nofs kien hemm Edward James Cole, waqt li fuq in-naha tal-lemin kien hemm riekeb Miguel Camilleri. Hadd mill-passiggieri ta' wara ma kien liebes seatbelt u dan gie kkonstatat kemm minn indagini fuq l-istess vettura u kemm minn xhieda moghtija.
c. Illi kif Tanti kien ghaddej minn Triq ir-Rabat Nadur, ghall-habta tal-erbgha neqsin kwart (03:45) ta' filghodu hekk kif kien qed idur il-liewa huwa tilef il-kontroll tal-vettura tieghu bil-konsegwenza li l-vettura tieghu habtet gol-hajt tan-naha tal-lemin ta' triq. B' tali konsegwenza l-vettura baqghet mixja sakemm habtet go arblu tad-dawl. L-istess vettura baqghet mixja fejn regghet habtet mal-hajtu wara l-vettura gie deflected sakemm finalment strahet f' nofs il-karreggata.
d. Gie kkonstatat li l-vettura ma tantx sofriet hsarat strutturali peress li l-habta hija maghrufa bhala side sweep collision. Halliday et al jghidu li f' kazijiet bhal dawn ta' dan it-tip *"collisions are completely elastic". An elastic collision is an encounter between two bodies in which the total kinetic energy of the two bodies after the encounter is equal to their total kinetic energy before the encounter. Elastic collisions occur only if there is no net conversion of kinetic energy into other forms.*
e. Illi Madankollu ghalkemm ma kienx hemm trasferiment ta' kinetic energy kien hemm bizzejjed energija sabiex Matthew Mejlak tar m is-seat minn fejn kien bilqeghda u b' rasu kisser il-hgiega ta' wara u minn hemm gismu baqa' hiereg minn gol-vettura u rasu laqtet l-arblu tad-dawl. Bil-konsegwenza tal-incident l-kranjum ta' ras Meilak gie mtajjar w anki hareg l-organu ta' mohhu minn rasu li spicca mal-art. Illi minn ricerka li ghamel l-esponent ma diversi awturi esperti jirrizulta li hemm

probabilta kbira hija li min ikun riekeb fuq wara ghandu l-ikbar cans li jolqot u jkollu griehi f' rasu milli dawk li jkunu bilqeghda fuq quddiem. Illi dawn l-esperti jghidu illi *REAR SEAT PASSENGER ARE AT HIGHER BRAIN INJURY RISK the study found that unrestrained rear passengers were the most likely to sustain brain injuries -65% did, compared with 61% of unrestrained front-seat drivers, 43% of rear restrained riders and 43% of front restrained riders*. Kaplam jghid ukoll illi, rear passengers who are typically in tighter spaces, ofter hit their heads on the seat in front of them, the side posts or the side window.

f. Illi l-esponent ma jistax jasal ghall-konkluzzjoni ta' bl-liema velocita attwalment kien ghaddej biha Tanti u dan peress il-esponent ma setax jivverifika ezatt jekk it-triq kinitx xotta jew imxarrba fil-hin tal-incident u dan il-fattur jista' jwassal ghall-rizultati li jistghu jkunu konfligenti. Madanakollu konsegwenza ta' l-ewwel impatt l-esponent jista' jikkonkludu li mal-ewwel daqqa mal-arblu l-vettura baqghet mixja ghal distanza ta' wiehed u erbghin (41m) metru. Irid jigi accenat li mal-habta tal-arblu l-vettura bdiet mixja fuq tlett roti.

Illi fuq dawn il-fatti illi gew stabbiliti hija l-opinjoni umli tal-esponent illi hemm fatturi illi jindikaw negligenza u sewqan perikoluz minn naha tas-sewwieq Terrence Tanti illi waslu ghall-griehi gravi fuq Miguel Camilleri u telf ta' hajja ta' Matthew Meilak.

Ikkunsidrat:

Illi mir-rapport tal-espert l-Ispizjar Godwin Sammut (inserit a fol 195 et seq.) u li xehed waqt l-udjenza tat-12 ta' Marzu, 2015 jirrizulta li l-pilloli li kienu fil-but tal-gakketta tal-vittma ma kinux jikkontjenu ebda sustanza illegali jew illecita.

Ikkunsidrat:

Illi mix-xhieda ta' Jacqueline Bugeja[1] mis-sezzjoni finanzi tal-Korporazzjoni Enemalta rrizulta li l-hsara kagunata fl-arblu tad-dawl in dizamina kienet tammonta ghal €1196.73.

Illi mix-xhieda ta' Dr Michael Refalo, l-espert patologista, li xehed waqt l-udjenza tas-16 t' April, 2015 jirrizulta li huwa ezamina lil Miguel Camilleri u ccertifika li kellu griehi ta' natura gravi (certifikat a fol 100A) u qal li dan kellu griehi fil-forearm tal-lemin fejn zewg ghadmiet kienu miksurin, kellu ksur fil-pelvis u fis-sacrum (il-parti t' isfel tax-xewka tad-dahar, kif ukoll neumotorax fuq il-lemin fejn dahallu l-arja bejn il-pulmun u l-inforra tieghu, ksur fil-kustilji u kontuzjonijiet fil-pulmun.  Dan ix-xhud spjega inoltre li Miguel Camilleri kellu wkoll lacerazzjoni fil-buzzieqa tal-urina.

Illi dan ix-xhud spjega inoltre li fuq inkarigu tal-Magistrat Inkwirenti kien ha kampjun tad-demm ta' Terrence Tanti minn fejn irrizulta illi l-livell tal-alcohol kien ta' 115mg/decilitre (Dok MR1 a fol 247).

Illi fuq id-dokument a fol 247 hemm indikat is-segwenti notamenti:

> Note: The specimen submitted was received WITHOUT documentation of chain of custody, and was tested by immunoassay technique.  Confirmatory testing has not been performed.  These results are therefore not valid for medico-legal use.
>
> NOTE:
>
> Normal Ethanol level in blood is considered to be <10mg/100ml

[1] Li Xehdet fl-udjenza tas-16 t' April, 2015 u esebiet dok JB 1 a fol 228

Ikkunsidrat:

Illi mir-rapport tal-espert forensiku Dr. Mario Scerri (inserit a fol 312 et seq) u mix-xhieda tieghu waqt l-udjenza tal-21 ta' Mejju 2015 jirrizulta s-segwenti:-

Wara li l-esponent acceda Londra nhar id-19 ta' Frar 2015 fejn hemm huwa kkonsenja kampjuni ta' Matthew Joseph Meilak u ta' Terence Tanti lil Dr. Michael Scott-Ham ghall-analizi tossikologici jikkonkludu:

1. Illi mill-kampjuni mehudin mill-kadavru ta' Matthew Joseph Meilak jidher illi dan kellu livell t'alkohol fid-demm ta' 128mg% u livell fl-awrina ta' 144mg%;
2. Illi dawn il-livelli jirriflettu mild to moderate intoxication;
3. Illi ma kienx hemm evidenza ta' sustanzi ohra jew medicinali f' kampjuni li ttiehdu mill-kadavru tal-imsemmi Matthew Joseph Meilak;
4. Illi l-kampjun tad-demm li ttiehed minn Terence Tanti madwar tminn sighat wara l-incident juri li r-rizultat tal-alkohol kien ta' 97mg% fid-demm;
5. Illi dan il-livell huwa diga' iktar gholi mill-livell permess bil-ligi li huwa ta' 80mg% u meta wiehed jiehu in konsiderazzjoni illi l-alkohol huwa eliminat mill-gisem bi stat kostanti ta' madwar 19mg% (9-29mg%) kull siegha, il-livell t' alkohol fid-demm ta' Terence Tanti waqt l-incident li sehh waqt li hu kien qieghed isuq il-vettura msemmija kien ta' madwar 250mg% liem livekll huwa normalment assocjat ma' stat ta' sokor estrem;
6. Illi kien hemm ukoll evidenza ta' cannabis jew cannabis resin li ttiehdet ftit tal-hin qabel ma ttiehed il-kampjun u peress illi kien hemm livelli ta' THC acid fid-demm, dan ma kienx kagun ta' passive inhalation;
7. Ill l-livelli gholjin ta' koncerntrazzjonijiet ta' THC acid huma kompatibbli ma' uzu regolari tal-cannabis;
8. Illi livelli gholjin ta' din is-sustanza flimkien ma' livelli gholjin t'alkohol jaghmlu synergistic effect u increase in overall intoxicating effect;
9. Illi kien hemm ukoll livelli ta' dihydrocodeine ta' 20mg/ml izda dan jista' jkun dovut ghal xi sustanza li nghata Terence Tanti ghall-ugiegh meta dan iddahhal l-isptar Generali t' Ghawdex;

10. Illi ma kienx hemm evidenza ta' sustanzi ohra fid-demm ta' Terence Tanti.

Illi meta xehed Dr Mario Scerri in kontro ezami waqt l-udjenza tat-23 ta' Frar 2018 huwa kkonferma li d-dokumentazzjoni tac-chain of custody hija mportanti. Huwa qal ukoll li s-samples kienu fi flixken specjali u nzammu fil-fridge u spjega li l-kampjuni tad-demm ittiehdu mill-Ispettur Tabone il-kamra Mortwarja Malta u jkunu nghataw lil lab technicians li jaccertaw ruhhom li l-evidence bag ikun issigillat u mbaghad jirregistrawhom fis-sistema. Ma setghax jindika d-data preciza meta dan sar. L-espert forensiku inoltre spjega li meta ngarru barra minn Malta l-kampjuni ttiehdu f' kontenitur specjali fis-silg u sostna li ghal dawn it-tip ta' kampjuni hija mehtiega wide range of temperature u mhux narrow range.

Illi mix-xhieda ta' Dr Giovanni Grech u mid-dokumenti minnu esebiti (Dok GG1 u GG2 a fol 354 et seq) jirrizulta li Miguel Camilleri kellu s-segwenti griehi:

1/ Fracture of the pubic rami and lateral mass of the sacrum on the RT

2/ Right-sided pneumothorax with associated rib fractires and pulmonary contusions

3/ Laceration of the anterior wall of the urinary bladder with intra-abdominal free fluid and very small of the free gas in the abdomen

4/ A fracture of the right forearm is noted and confirmed on plain radiographs.

CT pelvis showed: Extraperitoneal rupture of the urinary bladder.

Irrizulta ukoll li fit-3 ta' Jannar 2015 sarlu ntervent kirurgiku li rnexxa u fit-8 ta' Jannar 2015 gie rilaxxjat mill-Isptar fejn imbaghad sarlu cystogram fit-22

ta' Jannar 2015 u huwa kellu l-ahhar follow up mal-Urology tlett xhur wara. Il-konsulent ortopediku Mr Joseph Borg li xehed waqt l-udjenza tat-2 ta' Dicembru, 2016 spjega li l-griehi li kellu Miguel Camilleri relatati mal-ortopedija kienu fractured ribs, frattura tal-ghadma tal-pelvis u frattura f' idejh li kienet tirrikjedi operazzjoni. Dan ix-xhud indika li l-ahhar li ra lill-pazjent in dizamina kien fis-17 ta' Frar 2015 fejn gie discharged mill-Outpatients.

Ikkunsidrat:

Illi fit-8 ta' Frar 2019 fuq talba tad-Difiza gie mahtur bhala espert tekniku Mark Micallef bl-inkarigu specifiku li (i) ikejjel il-hxuna (tread depth) tar-roti tal-vettura de quo u jirrelata dwar jekk l-istat tal-istess kienx tali li l-esponent ma kienx imissu qed isuq l-istess vettura b' dawk ir-roti, tenedo conto tal-minimum tread depth impost mil-Ligi Maltija u (ii) jikkonferma li l-isteering ball-joint tan-naha tal-lemin (driver's side) kien/huwa effettivament maqsum.

Illi fir-rapport tieghu prezentat waqt l-udjenza tat-18 ta' Lulju 2019 l-espert ikkonkluda is-segwenti:

> Il-qisien tat-tread ta' kull tajer huma bhala daqs konformi mall-ligi b' minimu ta' hxuna ta' 1.6mm skond il-kodici Ingliza li maghhom nimxu ahna f' Malta.
>
> Madankollu, esperti jemmnu li sabiex ikollok sigurta massima fejn jidhol stopping distance tal-vettura, hemm id-differenza bejn 1.6mm li huwa il-minimu accettabbli u 3mm tread (specjalment meta t-triq tkun imxarrba). L-efficjenza fejn tidhol braking system taf tvarja b' persentagg ta' 44 fil-mija. Iktar kemm it-tread ikun fond, iktar ikun hemm grip bejn it-tajers u t-triq u inqas riskju ta' aquaplaning.
>
> Minkejja li l-qisien tat-tread huma kollha konformi mall-ligi, il-kundizzjoni ta' dawn it-tajers hija ta' kwalita inferjuri u mhux tajbin biex jintuzaw fit-triq.

Il-kundizzjoni tat-tajers ta' quddiem hija aghar minn dik tat-tajers ta' wara. Hekk kif jidher car estetikament, kif ukoll il-fatt li ghdda z-zmien ta' skadenza minn meta gew manifatturati dawn it-tajers (b' referenza l-aktar ghat-tlett tajers tal-marka Goodride).

Fir-ritratti MM14A u MM38B, jidher in-numru 306 fuq it-tajer ta quddiem tan-naha tal-lemin. Dawn in-numri jindikaw id-data tal-manifattura, in-numru tlieta jindika it-tielet gimgha filwaqt li l-ahhar zewg numru jaghmlu referenza ghas-sena. It-tajers ghandhom jigu mibdula wara sitt snin ta' uzu mid-data li jkun gie mmanifaturat u mhux imwahhal fuq ir-rota tal-vettura.

Fir-ritratt MM31B jidher in-numru 709 fuq it-tajer tan-naha tal-lemin ta' wara. Dan ifisser li dan it-tajer gie manifatturat fis-seba' gimgha tas-sena 2009 u dan it-tajers kellhom jigu mibdula fis-sena 2012 u 2015 rispettivament.

Gejt mitlub ukoll biex nikkonferma jekk l-isteering ball joint tan-naha tal-lemin huwiex imqaccat. Jien nikkonferma li dan huwa minnu. Jidher li dan tqaccar bl-istess impatt. Il-md kif gie mqaccat nghidulu sheard.

Jien tal-fehma li ladarba l-vettura kienet timxi fit-triq qabel ma sehh l-incident, din mhux xi mechanical component li titqaccat bl-uzu, dak li nirrefer ghalih bhala wear and tear. B' hekk nikkonkludi li l-hsara saret bl-istess impatt.

Ikkunsidrat:

Illi fil-proceduri odjerni l-imputat jinsab addebitat bir-reati kontemplati fl-Artikoli 225(1)(2), 226(1) u 328 tal-Kodici Kriminali kif ukoll b' dawk kontemplati fl-Artikoli 15 (1)(a) u (2). 15A(1) u (2), 15H(1)(a), 15H(2) u 32 tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta u fl-Artikolu 127(1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11 taht il-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-Artikolu 225 tal-Kodici Kriminali jitkellem fuq nuqqas ta' hsieb, traskuragni, nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti filwaqt li r-reati a tenur tal-Kap.65 jitrattaw sewqan b' nuqqas

ta' kont, bi traskuragni jew b' mod perikoluz u that l-influwenza tal-alcohol u drogi.

Fis-sentenza tal-Qorti Kriminali fil-kawza fl-ismijiet 'Pulizija vs Perit Louis Portelli' gie stipulat li:

> "Hu mehtieg ghall-kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-art. 239 [illum 225] tal-Kodici Penali illi tirrikorri kondotta volontarja negligenti – konsistenti generikament f' nuqqas ta' hsieb ("imprudenza"), traskuragni ("negligenza"), jew nuqqas ta' hila ("imperizia") fl-arti jew professjoni jew konsistenti specifikatament f' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti – li tkun segwita b' ness ta' kawzalita' minn event dannuz involontarju.
>
> Ghandu jigi premess illi, ghall-accertament tal-htija minhabba f' kondotta negligenti, ghandu jsir il-konfront tal- kondotta effettivament adoperata ma' dik ta' persuna li s-sapjenza rumana identifikat mal-"bonus pater familias", dik il-kondotta, cioe, illi filkaz konkret kienet tigi wzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita' normali: kriterju li filwaqt li jservi ta' gwida oggettiva ghall- gudikant, ihallih fl-istess hin liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret. "La diligenza del buon padre di famiglia costituisce un criterio abbastanza indeterminato per lasciare al giudice gran liberta' di valutazione." (Giorgi, Teoria delle Obbligazioni, II, 27, p. 46)"

Illi minn ezami akkurat tal-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni f' dan il-kaz jirrizulta li l-istess Prosekuzzjoni tirritjeni li l-imputat ghandu jinstab hati ta' sewqan perikoluz, traskurat u bla kont u b' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku

(i) Minhabba li huwa kien qed isuq taht l-influwenza tal-alcohol u ta' sustanzi ohra illeciti li ma rrendewhx f' pozizzjoni li jkollu kontroll

tas-sewqan tieghu u f' dan ir-rigward qed tibbaza ruhha fuq ir-rapporti tal-espert forensiku Mario Scerri u tal-espert tat-tossikologija Michael Scottham u fuq ir-rizultat tat-test tad-demm mehud lill-imputat mill-espert patologista Dr Michael Refalo u ezaminat mill-esperti teknici (lab technicians) Maria Bonello u Joanne Sultana

(ii) Minhabba li l-imputat kien qed isuq b' velocita' eccessiva

(iii) Minhabba l-kundizzjoni hazina tat-tyres tal-vettura tieghu li skond ir-rapport tal-espert tat-traffiku il-PL Mario Buttigieg ma kellhomx il-minimu tread depth rikjest mill-ligi.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-incident tragiku fejn tilef hajtu Matthew Meilak u fejn Miguel Camilleri sofra griehi ta' natura gravi sehh meta l-imputat kien qed isuq il-vettura tieghu bin-numru tar-registrazzjoni HAC 256 fi Triq ir-Rabat, Nadur gej mid-direzzjoni tan-Nadur u malli qabad liwja li hemm fit-triq huwa tilef il-kontroll tal-vettura tieghu bil-konsegwenza li kien hemm l-ewwel habta mal-hajt divizorju u mbaghad mal-arblu tad-dawl fejn il-vettura regghet imbaghad habtet mal-hajt sakemm il-vettura giet deflected u finalment spiccat f' nofs il-karregjata

Illi kif inghad aktar 'il fuq fil-korp ta' din is-sentenza il-Prosekuzzjoni tirritjeni li l-imputat tilef il-kontroll tal-vettura tieghu minhabba sewqan b' velocita' eccessiva, minhabba li kien qed isuq taht l-influwenza tal-alcohol u ta' sustanzi illeciti ohra u minhabba l-kundizzjoni tat-tyres tal-vettura tieghu li ma kellhomx il-minimum thread depth rikjest mill-ligi u ma kinux jiggarantixxu grip adegwat.

Illi d-Difiza min-naha l-ohra ssostni li l-imputat tilef il-kontroll tal-vettura tieghu minhabba li l-isteering balljoint tan-naha tal-lemin tal-vettura tieghu inqasam minhabba impatt f' hofra jew pothole li kien hemm fit-triq u li kienet mghottija b' ghadira ilma sabiex b' hekk l-imputat ma setghax jikkontrolla aktar il-vettura u l-ewwel habat mal-hajt u mbaghad mal-arblu tad-dawl. Id-Difiza ssostni li l-imputat ma kienx qed isuq b' velocita' eccessiva izda b' mod regolari u li huwa kellu kontroll ta' dak li qed jigri u fil-fatt fl-istqarrija minnu rilaxxjata xi sighat wara l-incident huwa rrakonta fid-dettall il-manuvri li ghamel u l-prekawzjonijiet li prova jiehu meta hass l-isteering jehfief u r-roti ta' quddiem jitilfu l-grip billi beda jaghfas u jitlaq il-brejks u jdawwar l-isteering in-naha l-ohra. Dejjem skond id-Difiza dan jindika li huwa kien f' kundizzjoni li jsuq u l-alcohol li seta kkonsma waqt il-party aktar kmieni fil-lejl tal-incident ma kellu ebda effett fuq is-sewqan tieghu.

<u>Sewqan taht l-effett tal-alcohol u/jew sustanzi ohra</u>

Illi aktar 'il fuq fil-korp ta' din is-sentenza saret ampja referenza ghall-konkluzzjonijiet tal-espert forensiku Dr Mario Scerri u tal-espert tossikologu Michael Scottham dwar il-livell ta' alcohol u sustanzi ohra li nstabu wara ezami tad-demm li ttiehed lill-imputat ftit sighat wara li sehh l-incident.

Illi d-Difiza tirritjeni li din il-Qorti ma tistghax tistrieh fuq il-konkluzzjonijiet raggunti minn Dr Mario Scerri u Dr Michael Scottham dwar il-livell ta' alcohol u l-prezenza ta' sustanzi ohra fid-demm tal-imputat u dan minhabba mankanza gravi fic-chain of custody of evidence tas-sample tad-demm u minhabba li mir-rapport ta' Michael Scottham jirrizulta li huwa ghamel il-kalkoli tieghu fuq il-livell tal-alcohol li kellu l-imputat fil-hin tal-incident billi bbaza ruhu fuq informazzjoni zbaljata dwar il-hin meta ttiehed is-sample tad-

demm. Fir-rapport tieghu huwa effettivament jindika li s-sample tad-demm ittiehed fil-11am u cioe' madwar tminn sighat wara li sehh l-incident.

Illi f' dan ir-rigward jidher li d-Difiza ghandha ragun ghaliex mill-verbal tas-seduta mizmuma mill-Magistrat Inkwirenti fl-1 ta' Jannar 2015 fid-Dipartiment tal-Emergenza tal-Isptar t' Ghawdex jidher li s-seduta bdiet fis-7:37am u spiccat fit-8:00am u f' din is-seduta l-istess Magistrat innominat lil Dr Michael Refalo sabiex jeleva l-kampjun tad-demm ta' Terrence Tanti u lil Maria Bonello u Joanne Sultana sabiex jaghmlu t-testijiet relattivi fil-laboratorju. Mix-xhieda ta' Dr Michael Refalo jirrizulta li huwa eleva l-kampjun tad-demm fit-7:45am u mid-dokument esebit a fol 97 jirrizulta li fid-9:15am "a blood sodium fluoride sample and an official copy of the alcohol level result of Mr Tanti Terrence, ID card number 347992(M), was collected by PC 578 and PC 382 from the Gozo General Hospital Medical Laboratory Services". Dan ifisser li s-sample tad-demm gie elevat ben qabel il-11:00am, u cioe' il-hin indikat minn Dr Scottham, u li ghalhekk il-kalkoli b' lura maghmula minnu dwar il-livell tal-alcohol fid-demm tal-imputat fil-hin tal-incident huma bbazati fuq informazzjoni hazina u ma jistghux jittiehdu in konsiderazzjoni minn din il-Qorti bhala prova dwar il-livell tal-alcohol li kellu l-imputat fil-hin tal-incident.

Illi l-Qorti taqbel ukoll li hemm mankanzi serji fic-chain of custody of evidence tal-blood sample sa mill-mument li dan gie elevat minn PC 578 u PC 382 fl-1 ta' Jannar 2015 fid-9:15am sa meta l-istess sample tad-demm gie mghoddi lil Dr Scottham minn Dr Scerri fid-19 ta' Frar 2015 u ezaminat fil-laboratorju ta' Londra. Ma ngabitx dokumentazzjoni ta' fejn inzamm u kif gie preservat dan is-sample tad-demm sal-14 ta' Jannar 2015 meta l-Magistrat Inkwirenti nnominat lil Dr Scerri u lil Dr Scottham, kif ma ngabitx dokumentazzjoni dwar minn min u meta s-sample gie konsenjat il-kamra

Mortwarja tal-Isptar Mater Dei sabiex jingabar minn Dr Scerri u jittiehed Londra sabiex jigi mghoddi lil Dr Scottham. Dan ifisser li din il-Qorti lanqas ma tista' tistrieh fuq il-konkluzzjonijiet raggunti minn Dr Scottham dwar il-prezenza ta' sustanzi illeciti ohra fis-sample tad-demm tal-imputat.

Illi mix-xhieda tal-espert patologu Dr Michael Refalo u mir-rizultat tas-sample tad-demm li huwa eleva fis-7:45am (Dok MR1 a fol 247) jirrizulta illi l-livell ta' alcohol rriskontrat kien ta' 115mg/decilitre, u cioe' ben oltre l-livell ta' alcohol permess mill-ligi sabiex jitqies li persuna tkun f' pozizzjoni li tista' ssuq.

Illi d-Difiza tirritjeni li l-Qorti lanqas ma tista' tiehu in konsiderazzjoni dan ir-rizultat stante li fuq Dok MR 1 hemm disclaimer li jindika li l-ispecimen "was received without documentation of chain of custody and was tested by immunoassay technique. Confirmatory testing has not been performed. These results are therefore not valid for medico-legal use".

Illi l-Qorti izda jidrilha li tista' tistrieh fuq dan ir-rizultat bhala indikazzjoni tal-livell ta' alcohol fid-demm tal-imputat fis-7:45am ghaliex nonostante din id-disclaimer mill-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni irrizultat ic-chain of custody tas-sample tad-demm mill-mument li ttiehed sal-mument li gie ttestjat fil-laboratorju tal-Isptar Generali t'Ghawdex u hareg dan ir-rizultat. Mix-xhieda tal-espert Maria Bonello waqt l-udjenza tal-4 ta' Dicembru 2015, u cioe' il-lab technician mahtura bhala espert fl-Inkjesta Magisterjali, rrizulta li hija kienet prezenta meta ttiehed il-blood sample u li kienet hi li hadet l-istess sample fil-laboratorju fejn saru t-testijiet minnha u mill-espert l-ohra nominata mill-Magistrat Inkwirenti.

Illi il-livell ta' alcohol rriskontrat fid-demm tal-imputat fis-7:45am u cioe' madwar tliet sighat wara li sehh l-incident huma ben oltre l-limitu stabbilit mill-ligi u jindikaw li fil-mument li ttiehed it-test huwa kellu livell ta' alcohol tali li skond ir-rapport ta' Scottham seta' jikkaguna "impaired balance, thickened speech, clumsiness, reduced alertness, lowered social reserve, increased garrulousness and volubility".

Illi mill-ewwel stqarrija rilaxxjata mill-imputat inoltre jirrizulta li huwa ma kkunsmax aktar alcohol wara li telaq mill-party u sakemm sehhet il-kollizzjoni. Mill-istess stqarrija tal-imputat inoltre jirrizulta li huwa kien ikkonsma sitt drinks ta' Vodka Redbull bi 3cl shots ta' vodka f' kull drink u erba' Jägermeister bil-Coca Cola ukoll bi 3cl shots ta' dan l-alcohol f' kull drink. Dan jikkorobora r-rizultati tat-testijiet li saru fit-7:45am u jindika minghajr dubju li l-livell ta' alcohol li kellu l-imputat fil-hin tal-incident kien oghla minn 115mgb% u li zgur kien qed jeffetwa l-kapacita tieghu li jsuq ghaliex il-livell rriskontrat tlett sighat wara l-incident kien tali li jeffetwa l-alertness tieghu u tali li jinduci 'clumsiness' ahseb u ara x' seta jikkaguna fil-hin tal-incident fejn il-livell zgur kien oghla u huwa kien qed isuq f' kundizzjonijiet fejn it-triq kienet tizloq minhabba x-xita li kienet ghamlet matul il-lejl u l-ilma li kien hemm fit-triq. Fil-fehma tal-Qorti l-livell tal-alcohol li kellu l-imputat fil-hin tal-incident kien bi ksur tar-regolamenti tat-traffiku u ma rrendihx kapaci li jkollu kontroll pjen tal-vettura fit-triq f' kundizzjonijiet klimatici difficli u meta kien qed isuq f'liwja difficli li kienet tirrikjedi alertness li huwa ma setghax kellu minhabba l-alcohol li kien ikkonsma u kienet din wahda mir-ragunijiet il-ghala huwa tilef il-kontroll tal-vettura tieghu.

<u>Sewqan b' velocita eccessiva</u>

Illi mir-rapport tal-espert tat-traffiku l-PL Mario Buttigieg jirrizulta li huwa ma setghax jaghmel testijiet sabiex jasal ghall-velocita' li biha kien qed isuq l-imputat fil-hin tal-incident minhabba li ma kienx hemm qbil dwar jekk kinitx niezla xita fil-hin tal-incident. L-imputat fl-ewwel stqarrija tieghu jindika li kien qed isuq b' velocita' ta' madwar 50 kilometru fis-siegha fil-hin tal-incident. Il-passiggiera li kienu mieghu fil-vettura ma kinux f' pozizzjoni jindikaw il-velocita' li biha kien qed isuq l-imputat izda Alex Scerri Herrera jghid li zgur ma kienx qed isuq b'velocita kbira ghaliex huwa jibza' meta jkun hemm triq imxarrba u sewqan veloci u dakinhar ma kienx qed jibza'. Edward Cole u Miguel Camilleri, li ma tantx kienu f' pozizzjoni jaghtu dettalji dwar id-dinamika tal-incident, ma ndikawx li l-imputat kien qed isuq b' velocita'.

Illi l-espert Mario Buttigieg indika li l-ispeed limit ghall-post fejn sehh l-incident hija ta' 80 kilometru fis-siegha stante li hija unbuilt up area.

Illi din il-Qorti tenut kollu ta' dan kollu xorta wahda jidrilha li l-imputat kien qed isuq b' velocita' li, ghalkemm ma jirrizultax pruvat sal-grad rikjest mill-ligi li kienet teccedi l-limiti ta' velocita permessi mill-ligi ghal dik il-lokalita', xorta wahda kienet eccessiva u mhux idoneja ghall-kundizzjonijiet tat-triq imxarrba, f'liwja difficli fejn l-espert Mario Buttigieg jindika li kellha titnaqqas il-velocita' u fejn is-sewwieq li kien ikkonsma ammont konsiderevoli ta' alcohol u li kellu t-tyres tal-vettura tieghu f' kundizzjoni li ma tippermettiex grip tajba. Il-velocita' li biha kien qed isuq l-imputat zgur ma kinitx dik li kien isuq biha bonus paterfamilias f' dawk ic-cirkostanzi u fil-fatt kienet tali li l-imputat tilef il-kontroll tal-vettura tieghu malli beda jdur il-liwja fit-triq. Din il-Qorti inoltre jidrilha li l-fatt li l-vittma Matthew Meilak imbezaq 'il barra mit-tieqa u laqat rasu mal-arblu tindika li l-vettura kienet qed tinstaq b' certu velocita'.

<u>Il-kundizzjoni tat-tyres tal-vettura tal-imputat</u>

Illi mir-rapport tal-espert addizzjonali mahtur minn din il-Qorti fuq talba tad-Difiza, u cioe' Mark Micallef, jirrizulta li t-tread depth tal-erba' tyres tal-vettura tal-imputat kollha kellhom tread depth il-fuq minn 1.6mm, u cioe' il-minimum permissibbli mill-ligi. L-istess espert izda jippreciza li sabiex ikollok sigurta' massima fejn jidhol stopping distance tal-vettura hemm differenza kbira bejn 1.6mm u 3mm tread specjalment meta t-triq tkun imxarrba u l-efficjenza fejn tidhol il-braking system taf tvarja b' persentagg ta' 44%. Huwa preciza ukoll li l-erba' tyres tal-vettura tal-imputat kienu f' kundizzjoni hazina, specjalment dawk ta' quddiem u li skond id-data ta' manifattura li kien hemm fuqhom dawn kellhom jinbidlu bejn l-2012 u 2015. Dejjem skond l-espert dawn it-tyres ma kinux tajbin sabiex jintuzaw fit-triq.

Illi ghalkemm jidher ghalhekk li t-tread depth tat-tyres ma kienx taht il-minimum accettat mill-ligi u li ghalhekk l-imputat ma jistghax jitqies li kiser xi regolamenti fir-rigward, din il-Qorti hija tal-fehma li l-kundizzjoni mwera tat-tyres, specjalment dawk ta' quddiem li suppost kellhom jinbidlu fis-sena 2012, ikkontribwit bil-bosta ghall-akkadut, u cioe' sabiex l-imputat jitlef il-kontroll tal-vettura fi triq li kienet tizloq ghaliex imxarrba u ghaliex kien hemm l-ilma u fejn kien hemm xaqliba fejn kien jingabar l-ilma. Din il-Qorti jidrilha li l-imputat kien ben konxju tal-kundizzjoni tat-tyres anki ghaliex fl-istqarrija tieghu huwa rrileva li l-vettura ma kelliex ABS u li kien ghal dik ir-raguni li huwa beda jaghfas u jitlaq il-brejk. Fil-fehma tal-Qorti bonus paterfamilias li kien jaf li t-triq imxarrba u tizloq, li jaf li xorob ammont sostanzjali ta' alcohol, u li jaf li l-kundizzjoni tat-tyres tal-vettura tieghu ma kinux f'kundizzjoni li jippermettu grip adegwata fil-kundizzjonijiet li kien hemm fit-triq, kellu

jiprevedi li seta' jigri dak li effettivament gara, u cioe' li jitlef il-kontroll tal-vettura.

Illi din il-Qorti jidrilha inoltre li ghalkemm mir-rapport tal-espert Mark Micallef jirrizulta li l-isteering ball joint kien miksur u li dan seta' jsehh b' impatt qawwi, l-imputat ma rnexxielux jipprova sal-grad tal-probabbli tali ksur sehh minhabba l-hofra jew pothole li jsostni li kien hemm fit-triq u cioe' qabel ma habat mal-hajt u mal-arblu.

Illi f' dan ir-rigward din il-Qorti strahet fuq ir-ritratti tal-lokalita mehuda mill-espert Max Xuereb, mill-espert Mario Buttigieg u mill-espert il-Perit Cornella Xuereb, kif ukoll ix-xhieda tal-Ufficjali Investigattivi u Pulizija li accedew fuq il-post immedjatament malli gie rrapurtat l-impatt li lkoll indikaw li ma kienx hemm il-hofra jew pothole fit-triq li qed jindika l-imputat izda biss xaqliba fejn ingabar l-ilma.

Ikkunsidrat:

Illi dwar il-culpa u l-elementi taghha din il-Qorti ser taghmel ampja referenza ghal dak li ntqal mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) f' sentenza tat-28 ta' Frar 2018 fil-kawza fl-ismijiet 'Pulizija vs Dorianne Camilleri' u cioe' is-segwenti:-

> In succint fuq skorta ta' awturi u gurisprudenza, t-trepod tal-kolpa gie definit bhala:
>
> 1. la volontarieta dell'atto;
>
> 2. la mancata previsione dell'effetto nocivo; u

3. la possibilita di prevedere.

Bhala konkluzzjoni tad-definizzjoni li din il-Qorti trid taghti lit-terminologija culpa, ghalhekk jibqa' dejjem li l-element taghha huwa volontarjeta' tal-att, in-nuqqas ta' previzjoni tal-effetti dannuzi ta' dak l-att u l-possibilta' ta' previzjoni ta' dawk l-effetti dannuzi. Jekk l-effetti dannuzi ma kienux prevedibbli, hlief b'diligenza straordinarja li l-ligi ma tesigix u li semmai tista' ggib culpa levissima li ma hiex inkriminabbli, ma hemmx htija. (vide IlPulizija vs John Vella deciza nhar il-15 ta' Dicembru 1958 mill-Qorti ta' lAppelli Kriminali)"

Din is-sentenza tistrieh fuq l-insenjament ta' zewg guristi tad-dritt penali fejn il-gurist Francesco Carrara jghid hekk dwar il-culpa, "… il tripode sul quale si aside la colpa sara` sempre questo - 1° volontarieta` dell'atto - 2° mancata previsione dell'effetto nocivo - 3° possibilita` di prevedere."

Bl-istess mod, il-Professur Anthony J. Mamo, fin-noti tieghu, jghid hekk: "In these definitions the essence of negligence is made to consist in the "possibility of foreseeing" the event which has not been foreseen. The agent who caused the event complained of, did not intend or desire it, but could have foreseen it as a consequence of his act if he only had minded: so his negligence lies in his failure to foresee that which is foreseeable".

L-Antolisei, izda jimxi pass 'il quddiem mill-insenjament tal-Carrara u ttejorija tal-prevedibbilita ta'l-azzjoni meta iqies illi tirrizulta il-kolpa meta jkun hemm in-nuqqas ta'l-osservanza tar-regoli tal-komportament, anki jekk l-event dannuz ma kienx wiehed prevedibbli u dan billi l-osservanza ta' dawn ir-regoli iwassal sabiex l-event dannuz ma isehhx:

"Si tratta di regole di condotta volte a prevenire determinati accadimenti; tali regole possono essere sociali (negligenza imprudenza o imperizia) oppure giuridiche (regolamenti, ordini discipline).

Quindi occorrono due requisiti:

a) la violazione di una regola;

b) che l'evento provocato sia esattamente quello che la norma voleva evitare.

In definitiva il giudizio di rimprovero è un rimprovero per leggerezza, perché il soggetto non è stato cauto e diligente come doveva."

Awturi ohra bhal Mantovani u il-Padovani jabbinaw din ir-regola ta'lAntolisei mar-regoli tal-prevedibbilita u l-inevitabbilita' biex b'hekk il-culpa fil-fehma taghhom tinkwadra ruhha f'erba elementi:

> 1. un requisito oggettivo consistente nella violazione di una regola di condotta;
>
> 2. un requisito soggettivo, cioè la capacità di osservare tale regola;
>
> 3. l'evitabilità dell'evento mediante l'osservanza di tale regola;
>
> 4. la prevedibilità ed evitabilità, cioè che il soggetto avesse la capacità o la possibilità di tenere un comportamento diverso.
>
> Dak illi ghandu jigi stabbilit kwindi huwa jekk l-event kienx wiehed fortwit, jew jekk kienx hemm sitwazzjoni ta' emergenza subitanea, tant ghalhekk illi l-event dannuz ma seta' qatt jigi evitat anke jekk bl-ezercizzju gholi ta' diligenza u bl-osservanza tar-regoli kollha tal-imgieba xierqa fit-triq. Sitwazzjoni bhal din certament teskludi kull forma ta' negligenza, imprudenza, traskuragini jew non-osservanza tar-regoli ta' komportament mistennija, fit-termini ta' dak li ifassal l-Antolisei sabiex jistabilixxi l-kolpa.

Illi fil-kaz odjern din il-Qorti jidrilha kien hemm imperizja, traskuragni u nuqqas ta' tharis ta' regolamenti tat-traffku da parti tal-imputat meta huwa saq vettura waqt li kellu livell ta' alcohol gholha minn dak li tippermetti l-ligi, meta kien jaf li l-kundizzjonijiet tat-triq kienu hziena ghaliex it-triq kienet imxarrba minhabba x-xita li nizlet matul il-lejl u tizloq minhabba l-kesha kbira li kien hemm, u meta kien jaf ben tajjeb li t-tyres tal-vettura tieghu ma kinux jippermettu grip adegwat fic-cirkostanzi. L-ispeed li kien qed isuq bih l-imputat inoltre, kif diga' inghad aktar 'il fuq, kien tali li ma kienx jippermetti li huwa jikkontrolla l-vettura tieghu f' parti tat-triq li bil-kundizzjonijiet tat-temp li kien hemm u minhabba l-liwja fit-triq zgur ma kinux jippermettulu li jimmanuvra tali liwja minghajr ma jitlef il-kontroll tal-vettura tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti jidrilha li tirrizulta r-rejita' kemm ghall-omicidju involontarju kif ukoll ghall-akkuzi l-ohra migjuba fil-konfronti tal-imputat. Il-Qorti izda jidrilha li l-griehi sofferti minn Miguel Camilleri ma kellhomx il-konsegwenzi indikati fl-Artikolu 218 tal-Kodici Kriminali. Dan jirrizulta kemm mix-xhieda tal-konsulent tal-Urologija Mr Mattocks kif ukoll minn dik tal-konsulent ortopediku Joseph Borg.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-konsegwenzi tragici u fatali minhabba li rrizultaw minhabba l-culpa tal-imputat. Il-Qorti izda kkunsidrat ukoll li l-pozizzjoni xejn felici tal-arblu tad-dawl li qieghed fit-triq u mhux wara l-hajt, f' liwja u li m' ghandu ebda forma ta' protezzjoni sabiex jissalvagwardja lil terzi fl-eventwalita ta' impatt mal-istess arblu, ikkontribwit bil-bosta ghall-mewt tragika ta' Matthew Meilak. Fattur iehor li kkontribwixxa ghal din il-fatalita kien li l-passiggera fuq wara ma kinux lebsin seatbelt. Illi din il-Qorti jidrilha ukoll li ghandha tirrileva li l-passiggiera fil-vettura tal-imputat ilkoll kienu mieghu l-party u kienu ben konxji tal-fatt li huwa kien ikkonsma l-alcohol kif del resto kienu ghamlu huma stess, u li ghalhekk setghu ghazlu li ma jirkbux mieghu. Dawn il-fatturi kollha ttiehdu in konsiderazzjoni minn din il-Qorti fil-kalibrar tal-piena u tenut kont tac-cirkostanzi u in linea mal-principji stabbiliti mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fis-sentenzi moghtija fil-kawzi Pulizija versus Dorianne Camilleri tat-28 ta' Frar, 2018, Pulizija versus David Rigglesford tal-31 ta' Mejju, 2007, Pulizija versus Kevin Ellul tas-6 ta' Frar, 2013 u Pulizija versus Alfonso Abela tal-10 ta' Marzu 2005 jidrilha li fic-cirkostanzi ghandha timponi piena karcerarja sospiza flimkien ma' sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tat-8 ta' Jannar, 2016 u senjatament l-Artikoli 17, 31, 225(1), 225(2), 226(1)(b), 328(a), (c) u (d) tal-Kodici Kriminali

kif ukoll l-Artikoli 15A(1), 15A(2), 15H(1)(a), 15H(2), 15(1)(a), 15(2) u 32 tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tat-tielet (3), tar-raba' (4), tal-hames (5) u tas-sitt (6) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu salv li in kwantu jirrigwarda it-tielet imputazzjoni huwa qed jinstab hati biss in kwantu jirrigwarda l-livell tal-alcohol kif spjegat aktar 'il fuq, u tikkundannah sentejn (2) prigunerija li b' applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perjodu ta' erba' (4) snin millum u tiskwalifikah milli jzomm jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien sena dekorribli millum.

B' applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali l-Qorti tikkundanna lill-imputata sabiex sa zmien xahar minn meta jigi hekk mitluba bil-miktub mir-Registratur tal-Qorti thallas lill-istess Registratur tal-Qorti s-somma ta' elfejn seba' mija erbgha u ghoxrin Ewro u sebgha u sebghin Ewro centezmi (€2724.77[2]) liema ammont jirraprezenta l-ispejjez konnessi mal-hatra ta' esperti f' dan il-kaz izda ma jinkludiex l-ispejjez konnessi mal-hatra tal-esperti Dr Mario Scerri u Dr Michael Scottham ghar-ragunijiet indikati aktar il-fuq fil-korp ta' din is-sentenza.

**Magistrat**

Graziella Abela

Deputat Registratur

[2] Rapporti ta' PL Mario Buttigieg pg 155 sa 189 €1812.90c, Spizjar Godwin Sammut pg 195 sa 198 €155.47c, Perit Cornelia Tabone pg 348 sa 357 €524.30c, Mark Micallef pg 721 sa 750 €232.10c